# Protesti u Festi bil-Pelligrinaġġi u l-Proċessjonijiet


Guido Lanfranco

Proċessjonijiet u pellegrinaġġi saru mijiet għal ħafna skopijiet. Hawn qed nagħżel li nfakkar biss xi ftit minn dawk minnhom li saru f'okkażjonijiet speċjali.
*(**Nota:** Biex inżomm din il-kitba fil-qosor ikolli nħalli barra bosta oħrajn konnessi ma' translazzjonijiet, funerali, relikwi, statwi, kungressi u okkażjonijiet Marjani, diżastri, flaġelli, konsagrazzjonijiet, u avvenimenti importanti oħra.)*

**Protesti jew riparazzjoni**
**1663** Fl-1663 xi ħadd sgassa t-tabernaklu u seraq il-pissidi bl-Ostji mill-knisja parrokkjali tal-Gudja; ħaġa bħal dik qatt ma kienet ġrat. Il-Knisja ddikjarat stat ta' luttu u diżapprovazzjoni, trażżan ħafna mid-daqq tal-qniepen, tnaqqas il-kant fil-knejjes, tgħattew l-inkwadri kollox; tista' tgħid, qisu żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa. Saru tfittxijiet kullimkien mingħajr riżultat.Għalhekk bdew isiru pellegrinaġġi ta' riparazzjoni ma' kullimkien. Il-pissidi kien instab vojt xi żmien wara fil-knisja ta' San Ġakbu tal-Belt.[1]

**1811** Wara ftit li l-Ingliżi ħadu t-tmexxija tal-gżejjer tagħna f'idejhom wara t-telfa tal-Franċiżi, xi priġunieri Franċiżi kienu sikwit jinżammu f'Malta. Fl-1811 kien hemm grupp ta' suldati Franċiżi żgħażagħ fir-Rabat ta' l-Imdina li ġiethom l-idea li jiffurmaw loġġa tal-mażuni. L-Isqfijiet Maltin kienu dejjem jibżgħu minn setet u reliġjonijiet oħra li jistgħu jnaqqsulhom mis-saħħa u l-poter tagħhom għax għal bosta snin kienu mdorrijin bl-Ordni ta' San Ġwann u bl-Inkwiżitur magħhom jgħassu fuq il-Maltin u jixlu bla heda lil kull min kien jibda jxaqleb ma' xi twemmin ieħor jew ma' min ma jkunx nisrani. Il-Maltin, dejjem fidili, kienu malajr jitqanqlu meta jħeġġiġhom l-Isqof u kull ħaġa li ma kinitx togħġob lill-Knisja malajr kienet tissawwar tixgħel fi protesta nazzjonali b'kull manifestazzjoni possibbli, inklużi pellegrinaġġi kbar, proċessjonijiet u dimostrazzjonijiet li xi drabi nkuraġġew il-vjolenza. Meta l-Isqof, flimkien mal-kleru, semgħu li se ssir laqgħa mażonika saħħnu lill-Maltin bi priedki apokalittiċi dwar perikli ta' diżastri, mard, faqar, gwerer u pesta kollha ħtija tal-mażuni u heddew lil dawn il-Franċiżi bil-ħruq u bl-esterminazzjoni. Il-gvernatur avża lill-priġunieri biex ma jiltaqgħux u jiffurmaw il-loġġa u dawn kontra qalbhom obdewh. Imma fis-saħna nġabru ħafna nies li sfrundawlhom il-bieb, ħarġulhom barra kulma kellhom u ħarquhomlhom fit-triq. Il-qassisin iffurmaw proċessjoni, daħlu fil-bini jroxxu l-ilma mbierek, jiskunġraw u fl-aħħar jikkonsagraw il-post.[2]

**1837** Fl-1837 insteraq il-pissidi mill-knisja ta' Santa Tereża tat-Tereżjani ta' Bormla. Kien ukoll avveniment nazzjonali u l-Isqof ordna tridu bl-adorazzjoni, talb u priedki bħala riparazzjoni. Imma din id-darba wara jumejn il-pissidi bl-Ostji nstab minn tifel maġenb is-sur tal-bieb tal-Birgu. Minnufih inġabru folol ta' nies u ffurmat proċessjoni mill-kanonċi, patrijiet u qassisin bit-torċi mixgħulin, u l-vigarju ġarr il-pissidi biex ħaduh lura għand it-Terażjani. Wara din is-sejba saru tlitt ijiem ta' mixgħela mill-knejjes u tkanta t-*Te Deum*. [3] Il-post fejn instab il-pissidi għadu magħruf bħala "Fejn sabu s-Sinjur", u hemm daqsxejn ta' rokna devota miżmuma tajjeb biex jibqa' mfakkar l-avveniment.

**1895** F'Ġunju tal-1895 f'Napli saret reċta jew dramm fuq il-palk bl-isem ta' San Paolo. Dan ix-xogħol tal-palk inkiteb minn Giovanni Bovio. Billi huwa kellu ideat oriġinali kif isawwar l-karattri tiegħu, ippreżenta lil San Pawl bħala rivoluzzjonarju. Kull ċaqliqa min-normal fit-twemmin tal-

Knisja kienet mill-ewwel tallarma lill-Isqfijiet. Kieku dik ir-reċta, bogħod minn xtutna, f'ambjent differenti, ġiet injorata aktarx li ħadd ma kien jinduna biha u kienet tintesa imma l-Knisja lokali qajmet lill-poplu bil-priedki u interpretazzjonijiet li wrewha bħala kalamità nazzjonali. Tabilħaqq bdew isiru pellegrinaġġi u proċessjonijiet, u fil-21 ta' Lulju saret l-akbar sfilata ta' fratellanzi, ordnijiet reliġjużi, qassisin, kapitli, parroċċi, bl-istatwa ta' San Pawl tal-Belt għal fuq il-fosos, fost ċapċip, innijiet, fjuri u għajjat ta' "Viva San Pawl" u "Abbasso Boviġ".[4]

**1896** Meta l-Gżejjer Maltin bdew jiġu ggvernati mill-Ingliżi l-Knisja bilfors kienet tkun preokkupata minħabba l-protestantiżmu fostna. Ma setax ukoll jonqos li xi tfajliet Maltin bdew biż-żwieġ ma' l-Ingliżi. Fl-1889 il-gvern għamel xi ċaqliqa dwar dan it-tip ta' żwieġ u malajr inqala' t-tilwim ma' l-Isqof, imma s-sena ta' wara sar xi ftehim għalkemm dejjem lest li jerġa' jqum. Tabilħaqq li fl-1895-1896 saru liġijiet oħra purament amministrattivi imma l-Knisja riedet li dan jgħodd bħala Sagrament u mhux purament att ċivili. Għal darb'oħra qajjmet lill-poplu biex juri l-protest tiegħu f'Marzu tal-1896 b'dimostrazzjonijiet, talb fil-knejjes u pellegrinaġġi. Wieħed mill-pellegrinaġġi sar mill-Isla sa Tal-Grazzja u fid-9 ta' bil-lejl il-pellegrinaġġ dar mal-knejjes ta' Ħaż-Żabbar. Fit-8 ta' Marzu sar ieħor mill-istess raħal għall-Birgu.[5] Kienu saru pellegrinaġġi fi bnadi oħra.

**1911** F'Ottubru-Novembru 1911 kien hemm l-inkwiet tal-Knisja kontra Manwel Dimech. Dan kellu ideat li bażikament ma kinux ħżiena imma sfortunatament nistgħu ngħidu li twieled qabel żmienu u xandar it-twemmin tiegħu fi żmien meta la kien hemm tolleranza mill-gvern imperjali u l-anqas mill-Knisja, u nħass rivoluzjonarju; tabilħaqq l-imsejken Dimech spiċċa mwarrab eżiljat u miet fl-eżilju. Għalhekk f'dan il-każ ukoll il-Knisja organizzat kull forma ta' manifestazzjoni fuq skala nazzjonali. Fit-22 ta' Ottubru, waqt li Dimech kellu l-*meeting* f'Raħal Ġdid, sar pellegrinaġġ kbir, bl-innijiet, bandalori, rużarju u tħeġġig, minn ħdejn il-knisja ta' San Filippu ta' L-Isla sa ħdejn il-knisja Tal-Ħerba f'Birkirkara. Wara ftit jiem sar pellegrinaġġ kbir ieħor minn ħdejn id-Dumnikani tal-Belt sa fuq il-fosos tal-Furjana; dan minbarra aktar pellegrinaġġi u attivitajiet fuq skala iċken.[6]

**1998** Matul is-snin l-affarijiet jinbidlu u tispiċċa ħaġa u tibda oħra. L-aktar riċenti fost pellegrinaġġi ta' riparazzjoni hemm dawk li jsiru biex jopponu r-riti sataniċi li jsiru minn x'uħud fl-iljieli ta' qamar kwinta. F'diversi knejjes u gazzetti qed isiru avviżi regolari biex in-nies jinġabru għal pellegrinaġġi bħal dawn. Dan li ġej hu eżempju ta' wieħed mill-avviżi f'gazzetta qabel il-qamar kwinta tal-11 ta' Mejju 1998: "Għada t-Tnejn fis-7.15 pm se jsir pellegrinaġġ fil-Belt minn quddiem il-knisja tal-Vitorja għall-knisja ta' San Duminku bħala tpattija għar-riti sataniċi. Il-pellegrinaġġ jintemm b'quddies u adorazzjoni." [7]

### Ċelebrazzjoni jew radd ta' ħajr

**1587** Il-Gran Mastru Hughes Loubenx de Verdalle kien ġie elett kardinal f'Ruma. F'Malta, biex jiċċelebraw, il-Kavallieri organizzaw proċessjoni ta' radd il-ħajr akkumpanjata minn logħob tan-nar, salut minn kanuni u manifestazzjonijiet oħra.[8]

**Seklu VIII** Il-fratellanza tal-Madonna tal-Karità tal-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt Valletta kellha fondi biex, darba fis-sena, tifdi persuna mill-jasar billi ssir votazzjoni waqt laqgħa apposta. Ġieli inqalgħulhom intoppi u l-fidwa ta' xi snin ma seħħetx. Imma kull meta l-fidwa tintemm b'wiċċ il-ġid, il-fratelli kienu jimmarkaw l-okkażjoni billi jagħmlu laqgħa bil-priedka, jitkanta t-*Te Deum* u ssir proċessjoni.[9]

**1714** Il-Kavallieri kienu ġejjin mill-pajjiżi prinċipali ta' l-Ewropa, imqassmin fi tmien lingwi. Meta kien ikun hemm xi avveniment importanti u nazzjonali f'pajjiżhom kienu jiċċelebrawh ukoll f'Malta. Eżempju ta' ċelebrazzjoni lokali kien fl-1714 meta r-Re tad-*Due Sicilie* laħaq fuq it-tron. Għal din l-okkażjoni kellhom proċessjoni, *Te Deum* u festeġġamenti oħra. Fl-1747 għamlu l-istess għax twieldet tarbija rjali, u ffesteġġaw twelid ieħor lir-re ta' Franza fl-1752.[10]

**1758** F'Ottubru kien hemm il-festi għall-Papa Klement XIII u fost affarijiet oħra l-Ordni ta' San Ġwann organizza proċessjoni mill-palazz tal-Gran Mastru Pinto sal-knisja konventwali ta' San Ġwann. Inzerta li bdiet nieżla x-xita imma Pinto ma riedx jipposponi l-proċessjoni jew iħassarha, milli jidher biex juri kemm hu ta' saħħa aktar miż-żgħażagħ. Kulħadd ħareġ fix-xita u kulħadd wasal fil-knisja mxarrab.[11]

**1925** Għamla ta' pellegrinaġġ jew proċessjoni oħra huwa l-korteo ta' Kristu Re li kien beda jsir mill-1925 għal xi sebgħin sena. Fl-1925 il-Papa kien iddikjara li se tibda ssir il-festa ta' Kristu Re. Minflok sempliċiment ċelebrazzjoni fuq linji normali kif kienu jsiru f'okkażjonijiet oħra, l-Appostolat tat-Talb, prinċipalment bit-tħabrik tal-Ġiżwita Ġużeppi Mejlak, organiżżat korteo li beda jsir minn quddiem San Ġwann sa ħdejn il-monument ta' Kristu Re fil-Furjana. Dan il-korteo kien fih x'tara, għax kienu jakkumpanjaw fih l-għaqdiet u organizzazzjonijiet kollha ta' Malta bil-kleru, Ordnijiet reliġjużi, *Trade Unions*, partiti politiċi, ministri, il-qrati, kollha bit-tabelli u bl-istandardi tagħhom u bil-kuruni biex jitqiegħdu taħt il-monument.[12] Dan il-korteo sabiħ ma baqax isir u tlifna okkażjoni li kienet tgħaqqad lill-Maltin. Minflok il-korteo il-festa ta' Kristu Re issa ssir kull sena fi knisja f'belt jew raħal differenti.



L-istatwa ta' San Pawl ħierġa mill-knisja tal-Floriana



San Pawl u San Publju fost il-folla fil-Pjazza San Publju

**1930** Kull belt u raħal kellu okkażjonijiet meta saru pellegrinaġġi ta' radd il-ħajr; anzi nistgħu ngħidu li kien hemm drabi meta l-inqas okkażjoni kienet tintuża biex dan isir. Il-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema kellha bżonn it-tiswijiet. Ġa hi battikata biżżejjed biex tiġbor il-fondi għat-tiswijiet imma l-pellegrinaġġ sar mhux għax inġabru l-flus imma bħala ringrazzjament talli kisbu l-permess biex isiru it-tiswijiet. Il-pellegrinaġġ ta' ħajr mar lejn is-Santwarju tal-Mellieħa.[13]

**1947** Il-markiża Carmela Apap Bologna tat biċċa art biex tinbena l-knisja ġdida ta' Marsaskala li kienet lesta fl-1952. Fit-testment jew legat tagħha ħalliet li bħala ringrazzjament, kull sena, għandu jsir pellegrinaġġ mill-knisja parrokkjali sal-kappella privata tal-Madonna tar-Ružarju fil-Palazz tal-familja tagħha fejn issir quddiesa u priedka.[14]

**1960** Għadha f'moħħna s-sena 1960 meta f'Malta ġie ċċelebrat id-XIX ċentinarju minn meta San Pawl ġie Malta. Saru manifestazzjonijiet u ħafna attivitajiet fuq skala nazzjonali. Sar ukoll pellegrinaġġ mhux tas-soltu. Sar għal fuq il-gżira ta' Selmun fejn hemm l-istatwa kbira ta' San Pawl. Hemmhekk intrama' altar u sar pontifikal mill-Kardinal Traglia.[15]

**2000** Din kienet is-Sena tal-Ġublew għall-għeluq l-ewwel millenju u l-ftuħ tat-tieni. Saru diversi attivitajiet kemm mill-Knisja kif ukoll mill-Istat. Saru wkoll attivitajiet oħra limitati f'ċerti bliet u

rħula. Fost oħrajn ta' min isemmi li f'San Pawl il-Baħar, inklużi l-komunitajiet tal-Qawra u ta' Burmarrad iċċelebraw din l-okkażjoni f'Marzu. Sar pellegrinaġġ minn Burmarrad sal-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar u ftit jiem wara komplewh mill-parroċċa għal għand il-Kapuċċini tax-Xemxija.

Inzerta wkoll li l-parroċċa tal-Konventwali ta' San Pawl il-Baħar kien imissha li tmur ir-Rabat biex, bħal parroċċi l-oħrajn toffri ż-żejt għal lampa fil-Grotta ta' San Pawl.[16] Għal din iċ-ċerimonja jsir pellegrinaġġ qasir mill-knisja ta' San Katald għall-Grotta bil-lampa taż-żejt biex tibqa' tixgħel is-sena kollha sakemm is-sena ta' wara jkun imiss parroċċa oħra biex tagħmel l-istess.


Ix-xbieha tar-Redentur fl-Arena ta' l-Indipendenza

### Kungressi Ewkaristiċi

Kull meta jsir xi kungress ġeneralment isir fuq skala kbira jew ukoll nazzjonali. Isiru bosta attivitajiet ta' kull xorta. Hawn ma nistax, u mhux l-iskop tiegħi li niddeskrivi dak li sar, imma nillimita ruħi li nagħmel referenza qasira fejn jidħlu l-proċessjonijiet u l-pellegrinaġġi li saru matulhom.


Fi tmiem iċ-ċerimonja jidher l-Arċisqof Gonzi jagħti l-Barka Sagramentali

Mit-23 sas-27 ta' April 1913 kien imiss lil Malta biex tospita l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Kienu saru oħrajn f'artijiet barranin u li sar f'Malta ħabat l-XXIV wieħed. Saru attivitajiet ta' kull għamla u diversi forom ta' proċessjonijiet matul dawk il-jiem, imma l-akbar proċessjoni kienet dik ta' l-aħħar jum li kien il-Ħadd. Din il-proċessjoni twila ħarġet mill-Belt wara nofsinhar u waslet sa fuq il-fosos tal-Furjana bil-baldakkin merfugħ min-nobbli Maltin. Fuq il-fosos kien hemm it-tribuna li minn fuqha fl-aħħar ngħatat il-barka Ewkaristika. Fost dawk l-eluf li akkumpanjaw kien hemm il-fratellanzi tradizzjonali kollha bl-istandardi, bil-kunfratija u l-muzzetta li taw ħafna kulur għall-okkażjoni. Kien hemm 99 fratellanza bil-fratelli jimxu erba' erba' u b'kollox kien hemm mal-4000 fratell.[17] Ma jistax jonqos li fost dawn, l-aktar numerużi kienu dawk tas-Santissimu Sagrament. Għall-1938 kien hemm ippjanat li ssir il-kommemorazzjoni f'għeluq il-25 sena mill-kungress fuq l-istess fosos, imma minħabba l-sħab iswed ta' gwerra fil-qrib l-attività saret fl-1939 meta kont se nagħlaq disa' snin u filgħodu ħaduna mat-tfal ta' l-iskejjel; dakinhar din l-attività kommemorattiva ħadet xejra ta' talb biex niskansaw il-gwerra, imma ftit jiem wara bdew nieżlin il-bombi.

Fid-Djoċesi t'Għawdex sar Kungress Ewkaristiku kbir fl-1929, u matulu kien hemm diversi proċessjonijiet jew pellegrinaġġi. Għawdex kollu ħa sehem, bit-tfal u l-kbar, f'ħafna attivitajiet ta' devozzjoni. Fl-inawgurazzjoni, 13 ta' Ġunju, niżlet proċessjoni lejn il-palazz ta' l-Isqof magħmula mill-fratellanzi, ordnijiet reliġjużi, kleru djoċesan, kanonċi, fost daqq ta' qniepen, biex jakkumpanjaw lill-Isqof lejn il-katidral. Sadattant proċessjoni oħra kienet qed tifforma ħdejn Ta' Savina tista' tgħid bit-tfal kollha t'Għawdex, bniet libsin l-abjad u subien libsin ta' paġġi bis-simboli ta' l-Ewkaristija f'idhom. Iż-żewġ proċessjonijiet iltaqgħu ħdejn il-katidral. Fit-tieni jum saret proċessjoni tat-tfal, u



fit-tielet jum kien imiss it-tberik tal-baħar, bħalma kien sar ukoll fil-kungress f'Malta tal-1913 meta tbierek il-baħar mill-Barrakka ta' Fuq. It-tberik tal-baħar sar fl-Imġarr. Il-proċessjoni telqet mill-knisja parrokkjali ta' Għajnsielem bit-tfal ta' l-istitut ta' San Ġużepp, ta' l-iskola primarja, bil-fratellanzi u għaqdiet mill-irħula tal-qrib, patrijiet, seminaristi u qassisin libsin il-pjaneta u l-kapitlu tan-Nadur. Il-proċessjoni waslet għal quddiem il-knisja Tal-Madonna ta' Lourdes. Akkumpanjaw ħafna nies bix-xemgħa *aux flambeaux*. Ngħatat il-barka tal-baħar fost daqq ta' qniepen, salut bil-murtali u s-sireni tal-bċejjeċ tal-baħar fl-Imġarr. Il-proċessjoni fl-aħħar irtirat u ntemmet fil-knisja ta' Sant' Antnin. Fl-aħħar jum saret proċessjoni kbira oħra wara nofsinhar. Telqet mill-katidral għal Ta' Savina b'xi 20000 ruħ bil-paġġi, bil-fratellanzi kollha t'Għawdex, terzjarji, patrijiet u qassisin u wkoll reliġjużi u patrijiet minn Malta u l-kapitli t'Għawdex u mill-katidral ta' Malta, minbarra xi isqfijiet barranin taħt il-baldakkin; dan kollu minbarra l-poplu li attenda.[18]

**Referenzi:**


1. Ciappara, Frans *Society and the inquisition in early modern Malta* (2001) p.131; Ferres, Achille *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo* (1866) p.353; Castagna, P.P. *Lis storia ta' Malta bil gzejer tahha* (1888) p.334; Bonnici, Alexander *Storja ta' l-inkwiżizzjoni f'Malta* II (1992)p.53.
2. Agius, A.J. *History of fremasonry in Malta* (1998) p.51, 53.
3. Castagna, P.P. *op. cit.* p.109; Ferres, Achille *op. cit.* p.307, 307; Galea, Michael *Malta; ġrajjiet storii* (2004) p.267.
4. Galea, Michael *Il-knisja ta' San Pawl Nawfragu, Valletta* (1974) p.95.
5. Ellul Galea, Karm *Festa u banda San Mikiel (Ħaż-Żabbar)* (1987) p.44-45.
6. Montebello, Mark *Manwel Dimech, bijografija* (2004) 392-393).
7. *Il-Mument* 10 ta' Mejju 1998.
8. Galea, Michael *Grand Master Hughes Loubenx de Verdalle* (2000) p.43.
9. Ciappara, Frans *op. cit.* p.246.
10. Scarabelli, Giovanni *Catalogue of the records of the Order of St. John of Jerusalem in the library of Malta* Vol. XIII (2004) p.110-111.
11. Testa, Carmelo *The life and times of Grand Master Pinto* (1989) p.203.
12. Azzopardi, A. *Jesuit schools in Malta* II (2004) p.231.
13. Vella, Ġużepp *Il-parroċċa tas-Sacro Cuor Tas-Sliema* (1993) p.86.
14. Abela, Joe *Marsaskala; Wied il-Għajn* (1999) p.66.
15. Galea, Michael *op. cit.* (2004) p.241.
16. Bonnici, Alexander *San Pawl il-Baħar; parroċċa f'ġieħ il-Madonna tad-Duluri* (2005) p.137.
17. Mallia, Philip *Il-fratellanza tas-Ssmu Sagrament fil-parroċċa ta' Santa Marija tal-Porto Salvo il-Belt* (1975) p.213.
18. Bezzina, Joseph"*Il-Kungress Ewkaristiku t'Għawdex 1929* (1979) p.57, 64.



TAĊ-ĊAĊĊU SOCIAL CLUB



*Appetizers are given to anyone*
Main Street, Qormi - Tel; 21491591
6 Screens Live Football Coverage
For the Best Pizza & Take away
*Serving You is our Pleasure*